MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Numru. 78/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**

**vs**

**Carmel sive Raymond Micallef**
**Elton (Elton Lawrence) Bowell**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Carmel sive Raymond Micallef ta' 39 sena, iben Anthony u Frances nee' Galea, imwieled il-Pieta' fid-19 ta' Ottubru 1965 u residenti 'Avonlea', 16, Triq il-Hbit mill-Ajru, Blat il-Gholja, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' numru 0505465(M) u l-imputat Elton Bowell (Elton Lawrence) ta' 28 sena, iben Joseph u Carmela nee' Penza, imwieled St. Julians fit-12 ta' Dicembru 1975 u residenti fi Flat 1, Triq l-Ajkla, Bormla u

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 33076M gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1) Fis-26 ta’ Settembru, 2003 ghall-habta ta’ 2:30 p.m. fil-fond ‘Desiree’, Triq il-Kukkanja, Santa Venera, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni , jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti , kkagunaw il-mewt ta’ Joseph Pepe’;

2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi huma bhala min ihaddem skond ma’ hemm definit f’Artiklu 2 ta’ l-Att Dwar l-awtorita’ ghas-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-post tax-Xoghol (Kap.424); u/jew fil-funzjoni taghhom ta’ min ihaddem naqsu milli

a) Jaghmlu dak kollu necessarju skond kif hemm stipulat f’Artiklu 6 ta’ l-Att imsemmi sabiex izommu livelli tajbin ta’ sahha u sigurta’ ghall-haddiema taghhom u milli

b) Jaghmlu l-evalwazzjoni ta’ dawk ir-riskji li x-xoghol li kien ser isir seta’ joffri kif hemm miktub f’regolamenti Nru.6 u 10 tal-A.L. 36 ta’ l-2003, Regolamenti ta’ 2003 dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta’ Frar, 2005 (esebit *a folio* 120 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-6 ta’ Mejju, 2005 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat il-Process Verbal relattiv ghal-incident redatt mill-Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera (inserit a fol. 119 u 151 tal-atti processwali) kif ukoll id-digriet ta’ din il-Qorti tas-6 ta’ Mejju 2005 fejn giet konfermata in-nomina tal-esperti kollha mahtura fl-Inkjesta Magisterjali.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fis-26 ta' Settembru 2003 fejn sfortunatament spicca sabiex tilef hajtu haddiem, Joseph Pepe ragel ta' 56 sena, li waqt li huwa kien qed jaghmel xoghol gewwa sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Kukkanja, Santa Venera fejn dar ezistenti kienet qed tigi demolita sabiex minflokha jinbena blokk ta' appartamenti b'garaxxijiet sottostanti, waqa' saqaf u l-imsemmi Pepe spicca mirdum tahtu. Mill-provi rrizulta li dakinhar tal-incident fuq il-lant tax-xoghol kienu qed jahdmu il-mejjet u Christopher Galea. Irrizulta wkoll li dan tal-ahhar kien allontana ruhu sabiex jixtri xi xorb ghat-tnejn li huma u appena irritorna lura sehh l-incident.

Mir-rapport tal-espert tekniku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti l-Perit Valerio Schembri, (rapport relattiv inserit a fol. 138 tal-Process Verbal inserit a fol. 151 tal-atti processwali) jirrizulta li x-xoghol ta' twaqqigh kien qed isir billi jinqalghu partijiet minn mal-gnub ta' fejn dan il-fond kellu appogg ma terzi. Mil-provi rrizulta li Joseph Pepe nstab mirdum f'dik il-parti tad-dar fejn kien hemm it-tromba tat-tarag (ara pjanta mhejjija mill-Perit Valerio Schembri a fol. 177 tal-Process Verbal) Fil-post instab tifrik kbir inkluz twaqqigh ta' soqfa, cint, xi indani kif ukoll partijiet mill-istess tarag. Il-Perit Valerio Schembri waqt l-access li ghamel fuq il-post seta' jikkonstata li s-saqaf ta' fuq it-tromba ma kellux xibka doppja u huwa wasal ghal din il-konkluzjoni ghaliex mil-bicciet li waqghu mill-istess saqaf seta' jara li dawn kellhom xibka singla. Il-Perit Valerio Schembri kkonkluda li x-xoghol ta' twaqqigh kien qed isir kompletament kontra dak li titlob l-arti u s-sengha u li l-incident x'aktarx li gara peress li meta inqatghu it-tlett piedi li kien hemm fuq it-tieqa u l-bieb, liema parti kellha wisgha ta' circa tnax il-pied, dik il-parti tas-saqaf giet fix-xejn. Mil-provi rrizulta li meta waqa is-saqaf tat-tromba dan nizel f'diversi bicciet u kisser it-tarag li kien hemm sottostanti.  L-espert tekniku ikkonstata wkoll li fil-kurutur

is-soqfa wkoll inqatghu kompletament kontra s-sengha u l-arti u li ma kien hemm ebda propping jew puntali fi kwalunkwe parti tal-fond in kwistjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta li l-fond "Desiree", Triq il-Kukkanja, Santa Venera, kien jappartjeni lis-socjeta' Desiree Limited li d-diretturi u socji taghha kienu Claudio Pace u Emanuel Fenech u dawn tal-ahhar kienu nkarigaw lil Perit Edwin Mintoff bil-progett. Ix-xoghol ta' twaqqiegh u kostruzzjoni kien kopert mill-permess mahrug mill-Awtorita' dwar L-Ambjent u l-Ippjanar datat 27 ta' Gunju 2003 (permess numru 5310/02). Claudio Pace u Emanuel Fenech xehdu kemm quddiem il-Magistrat Inkwirenti kif ukoll quddiem din il-Qorti fejn qalu li kienu nfurmaw lil Perit Mintoff li x-xoghol ta' twaqqigh kien beda' izda ma jirrizultax li huma talbu lil Perit sabiex jibghat lil xi hadd sabiex jispezzjona x-xoghol. Il-Perit Edwin Mintoff kif ukoll il-perit impjegat mieghu, Stephen Psaila, it-tnejn sostnew li ma kienux konxji li x-xoghol ta' twaqqigh kien beda'. Mill-provi rrizulta li la l-Perit Mintoff u l-anqas il-Perit Psaila ma taw struzzjonijiet dwar kif kellu jsir ix-xoghol ta' twaqqigh tal-fond mertu ta' dan il-kaz. Mill-provi rrizulta wkoll li ghax-xoghol ta' twaqqigh u skavar Desiree Limited kienet inkarigat lil Central Asphalt Limited (kopja tal-ftehim relattiv inserita a fol. 168 tal-process). Central Asphalt Limited min-naha taghha inkarigat lil wiehd mill-imputati fil-kawza odjerna, u cioe' lil Raymond Micallef bhala sub-contractor bl-inkarigu li jwaqqa u jiddemolixxi l-bini ezistenti sabiex imbaghad Central Asphalt Limited tkun tista' tkompli bix-xoghol tal-iskavar. Joseph Cauchi ghan-nom ta' Central Asphalt Limited meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti qal li meta inkariga lill-imputat Raymond Micallef sabiex jaghmel ix-xoghol ta' twaqqigh ma kienx qallu kif kellu jahdem mentri Raymond Micallef l-ewwel qal li l-inkarigu tieghu kien li jwaqqa l-bini izda sussegwentement biddel il-verzjoni u qal li kien ftiehem ma Cauchi sabiex jaqta' tlett piedi minn mal-hitan tal-appoggi. Fi kwalunkwe kaz mill-provi rrizulta li Raymond Micallef beda' jaghmel parti mix-xoghol ta' twaqqigh u hadem fil-kurituri. Dwar ix-xoghol li lahaq sar mill-imputat

Raymond Micallef l-espert tekniku il-Perit Valerio Schembri kkonkluda li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti stante li ma ntuzaw ebda forma ta' puntali jew armar sabiex jigi evitat il-perikolu. Mil-provi rrizulta wkoll li wara li kien diga beda' x-xoghol l-imputat Raymond Micallef qabbad lil ko-akkuzat Elton Bowell sabiex iqatta' tlett piedi tas-soqfa minn mal-hitan tal-appoggi. Mill-provi rrizulta li l-imputat Bowell qata' qalbu mix-xoghol u sab lil Christopher Galea, Mario Schiavone u lil mejjet Joseph Pepe sabiex ikomplu jaghmlu dan ix-xoghol.

Ikkunsidrat:

Li f'dan il-kaz irid l-ewwel u qabel kollox jig stabbilit x'relazzjoni guridika kien hemm bejn Raymond Micallef u Elton Bowell u bejn dawn it-tnejn u l-mejjet Joseph Pepe. L-imputat Raymond Micallef kemm meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar 2010 dejjem prova jaghti l-impressjoni li huwa kien ta x-xoghol lil Bowell (subcontracting) u li kien dan tal-ahhar li mbaghad qabbad lil Pepe, Galea u Schiavone u li ghalhekk dawn tal-ahhar kienu l-lavranti ta' Bowell. L-imputat Elton Bowell min-naha l-ohra jsostni li huwa tqabbad jaghmel il-bicca xoghol minn Micallef u imbaghad meta qata' qalbu u ddecida li ma jkompliex bil-bicca xoghol kien introduca lil Galea u lil Pepe ma Micallef fejn dawn kellhom jithallsu minn Micallef li kien ser ihallas lilu sabiex hu imbaghad jghaddilhom il-flus. Huwa evidenti li dak li qalu Bowell u Micallef fil-konfronti ta' xulxin m'huwiex ammissibbli bhal prova kontra l-iehor stante li huma ko-akkuzati. Ikun rilevanti l-ewwel u qabel kollox li l-Qorti tara x'inhi d-definizzjoni moghtijia fil-Kap. 424 ta' min ihaddem (employer) u ta' haddiem (employee). L-Artikolu 2(1) tal-Kap. 424 fil-fatt jaghti s-segwenti definizzjonijiet:-

***"haddiem" tfisser kull persuna impjegata minn min ihaddem biex taghmel xoghol, jew li tipprovdi servizz lil persuna ohra taht kuntratt ta' servizz jew ghal servizz, u tinkludi student, appredist u persuna li timpjega lilha nnifisha, izda ma tinkludix l-ekwipagg ta' bastiment registrat Malta jew kull persuna ohra***

***impjegata fuqu bhala parti mill-ekwipagg kollu tal-bastiment;***

***“min ihaddem” tfisser il-persuna li ghaliha jsir xoghol jew jigi moghti servizz minn haddiem jew li jkollha relazzjoni ta’ xoghol ma’ haddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jaghmel xoghol jew jaghti servizz jew jintrabat biex jaghmel xi xoghol jew jaghti xi servizz, u”***

Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jirrizulta sal-grad rikjest mil-ligi li r-relazzjoni guridika bejn l-imputat Raymond Micallef u l-imputat Elton Bowell kienet tali li Bowell kien jikwalifika bhala il-lavrant ta’ Micallef li kien l-employer. Il-Qorti ma jidrilhiex li jista’ jitqies li kien hemm xi forma ta’ subcontracting bejn Micallef u Bowell kif fil-fatt kien hemm bejn Central Asphalt Limited u Raymond Micallef fejn Central Asphalt Limited ghaddew ix-xoghol ta’ twaqqigh kompletament f’idejn Raymond Micallef minghajr ma nvolvew ruhhom ulterjorment fl-istess. Fil-kaz ta’ Micallef jidher li huwa qabbad lil Bowell bhala labourer sabiex jaghmel bicca xoghol partikolari izda baqa’ hu responsabbli mix-xoghol. Kien ser ihallsu hu u baqa’ nvolut hu fix-xoghol fis-sens li x-xoghol kien qed isir taht id-direzzjoni tieghu u bl-apparat li kien qed jipprovdi hu u kien hu li jaghti l-istruzzjonijiet dwar x’kellu jsir u kien fil-fatt imur fuq il-lant tax-xoghol fuq bazi regolari sabiex jaghti dawn l-istruzzjonijiet u kien hu li kien ser ihallas lil Christopher Galea u lil Joseph Pepe. Dan jirrizulta mix-xhieda ta’ Christopher Galea li meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti qal hekk:

*“Bowell kien jahdem bhala haddiem maghna. Ilum gie Raymond u ergajna tlabnieh il-gakkijiet u t-travetti.*

*Illum Bowell gie darbtejn fuq il-lant tax-xoghol u kien jaghtina l-istruzzjonijiet. Hu kien jiehu l-istruzzjonijiet min fuq it-telephone minghand Raymond”.*

Meta xehed quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tal-31 ta’ Mejju 2007 Christopher Galea qal li kien Elton Bowell li qallu li kien hemm bicca xoghol li seta’ jaghmel izda

specifika li kien Raymond Micallef li kien il-kuntrattur u l-persuna li kienet ser thallsu. Huwa inoltre preciza li kien talab l-armar lil Raymond Micallef ghaliex kien ra li s-saqaf kien imbewwaq u dan irrispondih li ma kienx hemm il-htiega ta tali armar ghaliex ix-xibka kienet doppja u spjega li huwa talab lil Micallef ghall-armar u mhux lil Bowell ghaliex kien l-istess Micallef li kien ser ihallsu u mhux Bowell.

Il-Qorti jidrilha li mill-assjem tal-provi jirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-imputat Raymond Micallef biss li kien responsabbli bhala l-persuna li jhaddem ghax-xoghol ta' twaqqigh li sar u li kien qed isir u huwa kien qed ihaddem kemm lil Bowell kif ukoll lil Pepe u lil Galea.

Ikkunsidrat:

Illi l-espert tekniku il-Perit Valerio Schembri wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet fir-rapport tieghu u cioe:-

***"11. It-tqattiegh ta' din it-tromba kien qed isir skond id-direzzjonijiet li kien ta' Raymond Micallef liema direzzjonijiet kienu kontra dak li titlob l-arti u s-sengha u dan ghas-segwenti ragunijiet:***

***a. It-tqattiegh kien qed isir b'tali mod li kienet qed titqatta l-parti tas-saqaf li fuqha kienet qeghda tispanja x-xibka in kwistjoni minghajr ma' s-saqaf kien ippuntaljat.***

***b. Il-persuni li kienu qed jaghmlu t-tqattiegh kienu qeghdin direttament fuq is-saqaf u mhux fuq armar indipendentement sostenut.***

***12. L-incident aktarx gara meta kien qed isir it-tqattiegh vicin il-punt fejn fil-hitan tat-tromba tat-tarag fil-livell tal-bejt kienet tezisti fetha ta' cirka tnax il-pied (12'0") wisa. Aktarx illi s-saqaf f'dan il-punt ma' gie jistrieh fuq xejn u hekk sehh dan l-incident fatali. Din l-istess fetha ma' jidhirx li kienet imwiezna permezz ta' puntali sabiex jigi evitat il-perikolu waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol tat-twaqqiegh.***

***13. E lton Bowell u Christopher Galea stqarrew li kienu talbu lil Raymond Micallef ghal puntali u travetti pero dan ta' l-ahhar qalilhom li ma' kienx hemm bzonnhom. Minn naha tieghu Raymond Micallef fix-xhieda tieghu jghid illi ma' jiftakarx li qalilhom hekk.***
***14. Raymond Micallef ta' nformazzjoni zbaljata lil min kien jesegwixxi t-tqattiegh in kwistjoni meta qalilhom li x-xibka tas-saqaf tat-tromba kienet doppja minghajr ma' kien ghamel il-verifiki necessarji. L-istess Micallef qatt ma' seta jassumi li x-xibka kellha l-main wires parallel mal-hajt ta' l-appogg meta dak kien l-itwal kejl ta' l-ambjent in kwistjoni.***

***15. Raymond Micallef naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet mehtieg fir-rigward tat-twaqqiegh tas-saqaf tat-tromba, liema saqaf skond Elton Bowell u Christopher Galea kien kien jidher imbewwaq.***

***16. Ix-xoghol ta' kollhu tat-twaqqiegh in kwistjoni kien qed jigi esegwit minghajr direzzjoni ta' Arkitett u Inginier Civili."***

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputati Raymond Micallef u Elton Bowell qed jigu akkuzati bir-reat kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali u cioe' talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Joseph Pepe. Il-Qrati taghna dejjem irritenew is-segwenti dwar dan ir-reat involontarju:-

**"*Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involuntarju skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta voluntarja negligenti - konsistenti <u>generikament</u> f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), traskuragni (negligenza), jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti <u>specifikatament</u> f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti - li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita, minn event dannuz involuntarju.***

***Ghandu jigi premess li ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta effittivament adoperata ma dik ta' persuna li s-sapienza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kiterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghal gudikant, jhallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. [Kollez. Deciz Vol. XLV iv 870, 903, emfasi ta' din il-Qorti].”***

Il-gurista Carrara jaghti is-segwenti definizijoni tal-culpa fil-kamp kriminali:-

***“La volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibli e prevedibbli del proprio fatto" (para 8 pg. 114).***

***Dan l-awtur jkompli jghid li tkun xi tkun d-definizzjoni tal-colpa fil-kriminal:***

***"oppure… il tripode sul quale si asside la colpa sara sempre questo;***
***a. la volontarieta dell'atto;***
***b. mancata previsione dell'effetto nocivo;***
***c. possibilita di prevedere.”***

Inoltre fil-kaz ta’ culpa fil-kamp kriminali dejjem gie ritenut li jrid jigi pruvat in-nexus li ghandu jezisti bejn l-att ta’ mperizja, traskuragni u jew non-osservanza tar-regolamenti u r-rizultat sabiex l-att jitqies bhala kriminalment imputabbli.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li mil-provi migjuba mil-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jirrizulta li t-tqattigh tat-tromba kien qed isir minn Christopher Galea u Joseph Pepe taht id-direzzjonijiet li kien ta l-imputat Raymond Micallef u li dawn id-direzzjonijiet kienu qed jinghataw kontra dak li titlob is-sengha u l-arti u dan ghaliex kif ikkonkluda l-espert tekniku il-Perit Valerio Schembri ix-xoghol ta’ tqattigh kien qed isir b’tali mod li kienet qed titqatta’ il-parti tas-saqaf li fuqha kienet qed tispanja x-xibka in kwisjtoni

minghajr ma s-saqaf kien ippuntaljat u l-persuni li kienu qed jaghmlu t-tqattigh kienu qeghdin direttament fuq is-saqaf u mhux fuq armar indipendentement sostenut. Mill-provi rrizulta li l-imputat Raymond Micallef kien ilu jaghmel dan it-tip ta’ xoghol ghal hafna snin u ghalhekk kien jaf x’kienu ir-riskji jekk ix-xoghol isir minghjar ma s-saqaf ma jkun ippuntiljat u propjat u minghajr armar indipendentement sostnut. Mill-provi inoltre rrizulta li kienet ingibdet l-attenzjoni tal-imputat Raymond Micallef dwar il-fatt li s-saqaf kien imbewwaq u ghal din ir-raguni Galea u Bowell kienu talbu armar u ppuntiljar izda mix-xhieda ta’ Christopher Galea rrizulta li Micallef irrisponda li tali affarijiet ma kienux necessarji stante li x-xibka kienet doppja. Mil-provi rrizulta li fil-fatt ix-xibka ma kienitx doppja u aghar minn hekk mill-istess xhieda ta’ Raymond Micallef irrizulta li huwa wasal ghall-konkluzjoni li x-xibka kienet doppja mhux ghaliex kien ghamel il-verifiki necessarji izda ghaliex issuppona li peress li l-kamra kienet kbira x-xibka kellha tkun doppja. Mil-provi inoltre rrizulta li Raymond Micallef ghazel li jibda dan ix-xoghol tat-twaqqigh minghajr ma esiga li jkun hemm supervizjoni ta’ perit jew altrimenti minghjar ma qabel inghata struzzjonijiet dwar kif kellu jsir it-twaqqigh minn perit.  Bniedem tas-sengha bhal ma kien Micallef certament li kien jaf li dan it-tip ta’ xoghol kien jirrikjedi s-supervizjoni jew almenu struzzjonijiet minghand perit u l-Qorti jidrilha li l-fatt li Micallef strah biss fuq l-istruzzjonijiet moghtija lilu minghand Central Asphalt Limited li seta’ jibda x-xoghlijiet minghajr ma esiga l-involviment ta’ perit tammonta ghal negligenza u nuqqas ta’ hsieb da parti tieghu. Il-Qorti inoltre jidrilha li l-mod ghal kollox traskurat li bih l-imputat Micallef ghazel il-haddiema li kellhom jaghmlu dan it-tip ta’ xoghol li kien jirrikjedi certu esperjenza u sengha minghajr ma vverifika jekk effettivament dawn kienux tas-sengha wkoll jammonta ghal negligenza u nuqqas ta’ hsieb. Huwa l-ewwel halla x-xoghol f’idejn l-imputat Elton Bowell meta kien jaf li dan tal-ahhar kien jahdem bhala driver u li ghalhekk ma kienx tas-sengha u imbghad aghar minn hekk halla f’idejn in-nies li introducielu Bowell meta dan tal-ahhar iddecieda li ma setghax ikompli x-xoghol u dan minghajr ma ghamel l-icken verifika dwar jekk dawn effettivament kellhomx is-sengha sabiex jaghmlu dan it-tip ta’ xoghol. Il-Qorti hija

tal-fehma li f'dawn il-proceduri altru milli rrizulta li l-agir tal-imputat Raymond Micallef kien jammonta ghal culpa kriminali u li kien hemm nexus bejn dawn l-atti u l-mewt ta Joseph Pepe. L-istess haga ma tistghax tinghad in kwantu jirrigwarda l-imputat l-iehor Elton Bowell stante li kif diga' gie stabbilit fil-paragrafi precedenti l-Qorti jidrilha li dan kien biss lavrant ta' Micallef bhal ma kienu Galea u Pepe u ma kienx responsabbli direttament mix-xoghol. Inoltre huwa dejjem agixxa u ghadda l-istruzzjonijiet dwar kif kellu jsir ix-xoghol moghtija lilu minn Micallef. Inoltre mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz irrizulta li meta sehh l-incident de quo Bowell kien ghazel li ma jkompliex jahdem huwa semmai kien biss qed jghati l-istruzzjonijiet moghtija lilu minn Micallef.

Id-Difiza tal-imputat Raymond Micallef tirritjeni li mill-provi rrizulta li kien hemm culpa grossolana da parti tal-istess mejjet Joseph Pepe u dan ghaliex Christopher Galea xehed li meta huwa ra s-saqaf imbewwaq u talab ghall-armar u ghall-puntiljar minghand Micallef u dan ma sarx u huwa ghalhekk qal lil Pepe li ma kellhomx ikomplu jaghmlu x-xoghol, Pepe rrisponda li kien ghad baqalhom l-ahhar bicca u kkonvincih sabiex jispiccaw ix-xoghol. Il-Qorti jidrilha li dan l-agir, jew ahjar id-decizjoni mehuda minn Pepe li jkomplu x-xoghol nonostante li huma raw li seta' jkun hemm perikolu zgur ma tammontax ghal culpa grossolana u dan jinghad ghaliex kemm Galea kif ukoll Pepe kienu gew assikurati minn Micallef li x-xoghol seta jitkompla ghalex kien hemm xibka doppja. Il-Qorti hija tal-fehma li l-agir ta' Pepe jista' jitqies bhala negligenza kontributorja izda zgur ma jammontax ghal culpa grossolana kif qed tipproponi d-Difiza ta' Micallef. Dan il-fattur ser jigi mehud in konsiderazzjoni ghal finijiet ta' konsiderazzjonijiet dwar il-piena izda mhux sabiex jezonera lill-imputat Raymond Micallef mir-responsabilita' ghall-akkadut.

Permezz tat-tieni akkuza l-imputati fil-kwalita' taghhom ta' min ihaddem skond id-definizzjoni moghtija fl-Artikolu 2 tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta jinsabu wkoll akkuzati talli naqsu mili jaghmlu dak kollu stipulat fl-Artikolu 6 tal-Kap. 424 sabiex izommu livelli ta' sahha u sigurta' ghall-

haddiema taghhom kif ukoll talli naqsu milli jaghmlu evalwazzjoni tar-riskji tax-xoghol li seta’ jsir kif mitlub fir-Regolament 6 u 10 tal-Avviz Legali 36 tal-2003.

L-Artikolu 6 tal-Kap. 424 jipprovdi s-segwenti:-

***“6 (1) Min ihaddem ghandu dejjem jizgura is-sahha u s-sigurta’ tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem:***

***Izda meta fit-twettiq ta’ dak hawn aktar qabel imsemmi, min ihaddem jaghmel uzu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min ihaddem ma jkunx mehlus mid-dmirijiet applikabbli li johorgu minn dan l-Att u mir-regolamenti maghmulin taht dan l-Att:***

***Izda wkoll l-obbligi tal-haddiema fil-qasam tas-sahha u tas-sigurta’ fuq il-postijiet tax-xoghol ma ghandhomx jaffettwaw il-principju tar-responsabbilita’ ta’ min ihaddem.***

***(2) Il-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem biex jevita dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xoghol, ghandhom jittiehdu fuq il-bazi ta’ dawn il-principji generali ta’ prevenzjoni li gejjin, jigifieri-***

***(a) li jigi evitat riskju;***

***(b) l-identifikazzjoni ta’ perikli assocjati max-xoghol;***

***(c) l-evalwazzjoni ta’ dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;***

***(d) il-kontroll mill-bidu ta’ dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;***

***(e) li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskju kemm ikun ragenevolment prattiku,***

*inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz b'dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun inqas perikoluz;*

*(f) billi tinghata prijorita' lill-mizuri ta' protezzjoni kollettivi fuq mizuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jigi adattat ix-xoghol ghall-haddiem, partikolarment ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-iddisinjar ta' postijiet tax-xoghol, l-ghalha ta' taghmir tax-xoghol u l-ghazla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xoghol, u partikolarment sabiex jigi mnaqqas xoghol monotonu u xoghol li jkollu rata ta' xoghol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha;*

*(h) billi wiehed jaddatta ruhu ghall-progress tekniku fl-interess tas-sahha u tas-sigurta' fuq il-post tax-xoghol; u*

*(i) billi tigi zviluppata policy ta' prevenzjoni globali u logika li tkopri it-teknologija, l-organizazzjoni ta' xoghol, il-kundizzjonijiet ta' xoghol, ir-relazzjonijiet socjali u l-influwenza ta' fatturi li ghandhom x' jaqsmu ma' l-ambjent tal-post tax-xoghol.*

*(3)Minghajr pregudizzju ghall-generalita' tas-subartikolu(2), min ihaddem ghandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dik it-taghlim, dak it-tahrig u dik is-supervizjoni li huma mehtiega biex tigi zgurata s-sahha u s-sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol.*

*(4)Min ihaddem ghandu jizgura li f'dawk il-postijiet tax-xoghol fejn jahdem ghadd sufficjenti ta' haddiema, ghandhom jigu eletti, maghzulin jew mod iehor nominati, persuna jew persuni bhala r-Rapprezentant jew ir-Rapprezentanti ghas-Sahha u s-Sigurta' tal-haddiema, u liema rapprezentanti jigu konsultati minn qabel u fi zmien ragonevoli minn min ihaddem dwar dawk il-hwejjeg li jistghu jaffetwaw is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol."*

Ir-Regolamenti 6 u 10 tal-AL 36 tal-2003 jipprovdu s-segwenti:-

***"6. (1) Minghajr hsara ghall-generalita' ta' dan kollu, min ihaddem ghandu jevalwa r-riskji ghas-sahha u s-sigurta', fost l-ohrajn fl-ghazla tat-taghmir tax-xoghol, is-sustanzi kimici u l-preparazzjonijiet kimici uzati, il-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u l-ghazla u t-taghmir tal-postijiet tax-xoghol, kif ukoll il-kapacitajiet tal-hadidema sabiex iwettqu x-xoghol assentjat lilhom minghajr perikli.***

***(2) Wara l-evalwazzjoni msemmija fl-ahhar subregolament, u kif necessarju, min ihaddem ghand jiehu l-mizuri necessarji kollha sabiex jippreveni riskji ghas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol, u ghandu jikkontrolla dawk il-fatturi li jistghu jaghtu lok ghal incidenti jew li joholqu riskju ghas-sahha u , jew sigurta' fuq il-post tax-xoghol inkluz fejn necessarju billi jbiddel metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, sabiex jigi zgurat titjib fil-livell ta' protezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurta':***

***Izda dawn il-mizuri ghandhom ikunu integrati fl-attivitajiet kollha u fil-livelli gerarkici kollha fi hdan l-impriza u, jew l-istabbiliment.***

***(3) Ghnadu jkun id-dmir ta' min ihaddem li jizgura li l-ippjanar u l-introduzzjoni ta' teknologiji godda jkunu s-suggett ta' konsultazzjoni mal-haddiema u, jew mar-rapprezentanti taghhom, fejn jidhlu l-konsegwenzi tal-ghazla tat-taghmir, il-kundizzjonijiet tax-xoghol u l-ambjent tax-xoghol ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema.***

***(4) Min ihaddem ghandu jiehu l-passi xierqa sabiex jizgura li jkunu biss dawk il-haddiema li jkunu rcivew tahrig adekwat u xieraq li jkollhom access ghal postijiet fejn ikun hemm periklu serju u specifiku.***

***10. (1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull min ihaddem u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha li taghmel, jew li***

***tizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u ta' persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' ta' persuni ohrajn, inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza:***

***Izda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, min ihaddem u persuna li tahdem ghal rasha ghandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-attivitajiet tax-xoghol imwettaq u fil-post tax-xoghol, u ghandhom jiehdu azzjoni xierqa.***

***(2) Fejn ikunu impjegati hames hadidema jew aktar, min ihaddem ghandu jzomm fil-pussess tieghu kopji bil-miktub jew li jistghu jinkisbu b'mod elettroniku ta' dawn l-evalwazzjonijiet, u ghandu jizgura li jkunu aggornati regolarment.***

***(3) Min ihaddem u persuna li tahdem ghal rasha ghandhom jiddeciedu dwar il-mizuri protettivi xierqa ghan-natura tax-xoghol imwettaq li jehtieg li jittiehdu wara evalwazzjonijiet bhal dawn u, jekk ikun necessarju, dwar it-taghmir protettiv li ghandu jintuza.***

***(4)L-evalwazzjonijiet imsemmija f'dan ir-regolament ghandhom jigu riveduti kull meta jkun hemm bidla kbira fil-kundizzjonijiet tax-xoghol, jew kull meta min ihaddem jew persuna li tahdem ghal rasha jkollhom raguni sabiex jissuspettaw li dawn ghadhom mhux validi."***

Kif intqal aktar il-fuq diga' gie stabbilit li mill-provi ma kienx jirrizulta li l-imputat Elton Bowell kien jikwalifika bhala persuna li thaddem (employer) izda fil-fatt irrizulta li anki huwa kien haddiem ta' l-imputat Raymond Micallef u ghalhekk huwa ma jistghax jinstab hati tat-tieni akkuza

migjuba fil-konfronti tieghu. In kwantu jirrigwarda l-imputat Raymond Micallef il-Qorti jidrilha li din l-akkuza tirrizulta ampjament pruvata stante li kif diga' ntqal fil-paragrafi precedenti bhala persuna li kien qed ihaddem lil Bowell, Galea, Schiavone u Pepe huwa naqas milli jevalwa r-riskji nvoluti fit-tip ta' xoghol li kellu jsir u naqas milli jipprovdi armar, propping fis-soqfa, harnesses u security equipment iehor ghall-haddiema fuq il-lant tax-xoghol sabiex jigi evitat il-perikolu u r-riskju ghalihom. Ghal finijet ta' piena din l-akkuza ser titqies bhala assorbita fl-ewwel akkuza.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-provi rrizulta li kien hemm negligenza kontributorja tal-istess mejjet Joseph Pepe li ghazel li jkompli x-xoghol anki wara li nnota li seta' kien hemm perikolu ghaliex is-saqaf kien imbewwaq u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena pekunjarja fil-massimu taghha u mhux xi piena karcerarja fil-konfronti tal-imputat Raymond Micallef.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 u 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 2 u 6 tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 6 u 10 tal-Avviz Legali 36 tal-2003 l-Qorti ssib lill-imputat Carmel sive Raymond Micallef hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' hdax il-elf u sitt mitt Ewro (€11,600). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Elton Bowell mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tillbierah mill-istess akkuzi.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat Raymond Micallef sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elfejn mija u tleta u tmenin ewro u tlieta u tmenin ewro centezmi (€2183.83) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------